IRENE ADLER

# SHERLOCK, LUPIN & JIEN

## L-AĦĦAR ATT fit-TEATRU tal-OPRA




addattat għall-Malti minn

Dwayne Ellul

Illustrazzjonijiet ta'

Iacopo Bruno

merlin

KAPITLU 8

# Lupin jiftaħ qalbu




Ħarsa waħda kienet biżżejjed. Bla ma għedna kelma waħda tirna lejn il-bieb; ħtaft il-kapott malajr malajr u ħaffifna lejn it-taraġ tal-Claridge's.

"Ma jistax ikun li missier Lupin qattiel!" għajjatt waqt li bdejna niżlin it-taraġ tnejn tnejn minn fuq it-tapit aħmar tal-bellus.

“Naf,” weġibni. “Is-Sur Théophraste mhux xi qaddis imma żgur li mhuwiex assassin.”

Sherlock qal dak il-kliem qisu kien qed jagħmel l-aktar osservazzjoni ovvja, li ma kienet tħalli ebda dubji u ma tħallix wisa’ għal osservazzjonijiet jew kummenti oħra. Dak it-ton pompuż li s-soltu kien jirritani, dakinhar serraħli xi ftit rasi.

Kif wasalna fil-lobby ileqq bl-irħam u d-deheb waqaft zoptu. Ma stajtx nitlaq hekk, bla ma navża lill-papà jew lis-Sur Nelson. Dak il-ħin irrealizzajt li ma kontx naf eżatt x’kien sar minn missieri: tgħid kien diġà wasal Pariġi jew kien għad kellu jitlaq l-għada? Ma kellix idea. Billi kont ġbidtha xi ftit rieqda, tħarbatt u kont għadni qisni lanqas naf x’laqatni.

Sherlock donnu ħassni li f’daqqa waħda ma bqajtx deċiża. Urieni kuritur, b’geġwiġija sħiħa ta’ chambermaids għaddejjin fuq xogħolhom, li kien jagħti għan-naħa ta’ wara tal-lukanda.

“Ej’ngħaddu minn hemm,” issuġġerixxa waqt li qabadli idi, “ħalli ma jarana ħadd.”

Gdimt xoffti. L-idea li noħroġ mil-lukanda baxx baxx xejn m’għoġbitni u għall-ewwel bqajt hemm wieqfa qisni statwa. Imma mbagħad reġa’ ġie quddiem għajnejja l-isem Théophraste Lupin stampat fuq il-faċċata tal-gazzetta. L-aħbar tal-arrest tiegħu anki lili kienet ħasdet, u dak il-ħin ħsibt f’ibnu Arsène: min

jaf kif kien qed iħossu. Dak il-ħsieb kien biżżejjed biex inwarrab minn moħħi l-indeċiżjonijiet tiegħi: il-ħabib tagħna kellu bżonna u daqshekk.

“Tlaqna!” għedt lil Sherlock, u qbadt ir-rankatura qablu għall-kuritur li kien urieni ftit qabel.

Ma damx ma laħħaq miegħi u kif wasal maġenbi, tbissimli.

“Mela, wara kollox, ma tkabbartx daqskemm ħsibtek,” qalli hekk kif tfaċċajna fit-trejqa dejqa fuq wara tal-Claridge’s.

Kellna nevitaw l-għadajjar mimlija tajn u xebgħa mniezel ta’ boroż taż-żibel sa ma sibna ruħna fi Brook Street: triq ewlenija mimlija karozzelli. Kif tfaċċajna fit-triq nisma’ ’l xi ħadd jgħajjatli. Inqtajt minn ġewwa.

“Sinjorina Adler?”

Is-Sur Nelson kien mistrieħ mad-daħla ta’ wara tal-Claridge’s, qisu kien qiegħed jitkellem ma’ xi ħaddiema tal-lukanda.

Sherlock qabeż lura b’salt wieħed u ntrass mal-ħajt taċ-ċangatura tat-trejqa, wiċċu mqarras. Orazio qabad iħaffef bil-kowt it-twil jiżżeffen mal-passi daqsiex li beda jagħmel, u wasal ħdejja f’kemm trodd salib.

“X’qed tagħmel hawn, Sinjorina Irene? Ma

nagħmlux mod li kien beħsiebek titlaq mil-lukanda mingħajr ma tavżani, hux?" staqsieni Orazio bla ma qala' għajnejh minn fuqi.

Ħrabt il-ħarsa t'għajnejh profondi u ferfirt tnejn idejja f'tentattiv fjakk biex nipprova niġġustifika ruħi.

"Nelson, skużani ... vera jiddispjaċini imma — "

"Infakkrek li missierek telaq u issa jiena responsabbli għalik u rrid nara li ma jiġrilek xejn. U barra minn hekk naħseb m'hemmx għalfejn noqgħod ngħidlek jien: li tiżgiċċa minn xi trejqa, bħal xi ħalliel, xejn ma jixraq għad-dekor ta' sinjorina bħalek," kompla jagħmilha bi kbira l-maġġordomu.

"Jien ... kont se navżak, veru. Mhux tort tiegħi! Imma ..." ippruvajt nipprotesta.

"Fik il-ħobż e!" ikkummenta Sherlock kemm jinstema' minn warajja.

"Allura jekk mhux tort tiegħek," beda jwieġeb il-maġġordomu, "ta' min kienet din l-idea ġenjali?" Huwa u jlissen l-aħħar kelmiet, is-Sur Nelson beda jħares ċass warajja, jifli l-kumplament tat-trejqa.

Għaddieli minn moħħi li lil Sherlock, b'xi mod, nipprova ngħattilu imma kont naf li fl-aħħar mill-aħħar ma setax jiskansaha.

Għalhekk qtajtha li ngħidlu l-verità.

"Minħabba Lupin," ammettejt. "Bħalissa għaddej minn żmien ikrah u għandu bżonna għax aħna ħbieb tiegħu!"

Is-Sur Nelson għamel tabirruħu ma setax jiftakar min kien Lupin imma l-ħarsa t'għajnejh kixfitu. U jkolli ngħid, mir-reazzjoni ta' wiċċu, donnu dak li kont għadni kif għedtlu kien messlu ħarira qalbu. Bdejt nistaqsi lili nnifsi jekk wara dik ir-reazzjoni kienx hemm xi ħaġa midfuna fil-passat ta' Orazio li kont għadni ma skoprejtx. Ma kellix indum wisq ma naqta' l-kurżità.

"U int m'għandek xejn xi tgħid?" staqsa s-Sur Nelson hekk kif ħa pass 'il quddiem u ttawwal la ġenba fit-trejqa biex ġie wiċċ imb wiċċ ma' Sherlock.

Sieħbi tani daqqa t'għajn u fetaħ dirgħajh.

"Jekk vera tixtieq, nista' anki niskuża ruħi," wieġbu. "Jew inkella ngħidlek li kienet idea ġenjali diskutibbli, kif wara kollox għedt int stess ftit ilu, imma —"

"Imma xiex?" qabeż fuqu Orazio.

"Li vera rrid ngħidlek hu li għall-ebda raġuni ma kont se nqiegħed lis-Sinjorina Irene fil-periklu."

"Jiġifieri li toqogħdu tiġġerrew waħidkom mat-toroq ta' Londra mhuwiex riskjuż biżżejjed għalik, galantom?"

“Għall-kuntrarju ta’ li qed taħseb inti — għal-kemm nifhmek, Sur Nelson — Londra hija belt ċivilizzata. U allura le, ma naħsibx li jekk noqogħdu niġru barra fit-toroq t’hawn se nkunu f’periklu akbar milli kieku qegħdin xi mkien ieħor, hu fejn hu.”

“Nissuġġerilek li ma toqgħodx tilgħabha tal-ħelu miegħi, Sur Holmes,” irribatta s-Sur Nelson u hekk urieni li kien għadu jiftakar tajjeb min kien il-ħabib tiegħi. Erġajt qbadt lili nnifsi naħseb — u din ma kinitx l-ewwel darba — li Orazio kien jafni ferm aktar mill-ġenituri tiegħi.

“M’iniex nilgħabha tal-ħelu,” irrispondieh Sherlock. “Jien u Irene konna telqin minn hawn bil-ġiri għaliex għadna kif ħadna aħbar kerha. Mid-dehra missier il-ħabib tagħna Arsène Lupin għaddej minn żmien iebes. Proprjament qiegħed f’xebgħa inkwiet.”

“Hekk mod ieħor,” gedwed is-Sur Nelson imħasseb.

“Naħliflek li qallek il-verità, Orazio!” fittixt ikkonfermajt. “Irridu naslu fejn Arsène malajr kemm jista’ jkun. Għalhekk biss ippruvajna nitilqu minn hawn baxx baxx.”

“U jien nagħtik kelma ta’ raġel,” kompla Sherlock, “li se nkun jien stess li nara li s-Sinjorina Irene ma jiġrilha xejn.”

“Kelma ta’ raġel, Sur Holmes? Għax xejn m’inti twiegħed xi ħaġa faċli e!” Is-Sur Nelson donnu ma tantx ħadu bis-serjetà u jien dak il-ħin ħassejtni mferfra u ħejjejt ruħi għall-agħar.

“Ma nista’ nagħtik xejn aktar minn kelmti, Sur Nelson. Imma dak li għadna kif għednielek huwa kollu minnu,” iffaċċjah Sherlock wieqaf fuq qaddu qisu raġel magħmul.

Kien twil kważi daqs il-maġġordomu tiegħi, imma niexef għuda. *Jekk jonfoħlu Nelson, jaqa’*, ħsibt bejni u bejn ruħi, f’ħin minnhom.

Imma Orazio, li għal ftit baqa’ wieqaf hemm bla ma biss tħarrek, tawwal idu biex jieħu b’id Sherlock.

“Tajjeb, Sur Holmes. Jista’ jkun li bdejt inħoss moħħi ... imma ddeċidejt li noqgħod fuq kelmtek. Nittama biss li ma jiddispjaċinix.”

Wiċċu għad-dawl, Sherlock ħafen id il-maġġordomu u beda jxengilhielu bil-qawwa.

“Nassigurak li m’intix tħoss moħħok, Sur Nelson. Anzi, qed turina kemm għandek għal qalbek is-sentiment tal-ħbiberija,” qallu.

Jekk lili r-reazzjoni ta’ Orazio ħallietni xi ftit konfuża, Sherlock irnexxielu mill-ewwel jiċċomba l-punt essenzjali: il-ħbiberija. Fil-fatt rajt l-iskantament jinfirex bil-mod il-mod f’kull rokna ta’ wiċċ Orazio u stajt nobsor li kien qed jistaqsi

lilu nnifsu kif dak il-ġuvnott stramb b'wiċċu mgħaddam kien donnu qralu ħsiebu. Bla ma kien jaf, il-maġġordomu tiegħi kien wieħed minn tal-ewwel li esperjenza l-kapaċitajiet analitiċi ta' Sherlock Holmes.

Is-Sur Nelson xengel rasu, donnu ried ikeċċi dik is-sensazzjoni stramba u waqt li tbissimlu lura, għamel pass 'il quddiem biex itaptaplu tnejn fuq dahru. U deherli li kien approfitta ruħu mis-sitwazzjoni biex sefsef xi ħaġa f'widnejn Sherlock.

"X'qallek?" staqsejt lill-ħabib tiegħi ftit wara li tlaqna minn ħdejn Orazio u konna fi triqitna lejn l-Old Bell Hotel, fejn kien qed joqgħod Lupin.

"Xejn," gideb Sherlock.

Il-lukanda kienet tinsab Holborn Hill, fejn wasalna wara nofs siegħa mixi mgħaġġel. Dħalna u morna dritt sar-reception fejn għednielhom li konna hemm biex inkellmu lil Lupin. Ir-receptionist, liebes ġlekk double-breasted aħmar jgħajjat, imkittef, qalilna li s-Sinjuri Lupin ma kinux f'kamrithom. Kien qed iħares lejna qisna konna fuq l-istonku tiegħu u kellimna bl-aċċent qawwi ta' Wales li mid-dehra lil Sherlock xejn ma niżillu tajjeb.

Ħarisna madwarna għax ma konniex nafu x'kellna nagħmlu.

Bħallikieku biex ninki lil dak ir-receptionist aspru nnutajt li l-lobby tal-Old Bell ma kellu xejn x'jaqsam ma' tal-lukanda tiegħi. Ma kienx sabiħ u eleganti daqsu. Poġġejna fuq żewġ sufanijiet żgħar, fejn diġà kien hemm xi ħadd jistenna.

Ippruvajt nagħmel xi mistoqsijiet lil Sherlock imma għall-ewwel beda jtini tweġibiet vagi ħafna, imbagħad, għamilli xi mossi u tani x'nifhem li kien aħjar ma nitkellmu xejn.

"Tgħidli qalbi dan xi ġurnalist!" ħaxwixli wara ftit f'widinti. "U m'iniex beħsiebni npaxxih u nitkellem dwar l-investigazzjoni tagħna quddiemu!"

Wara xi siegħa nistennew, ir-receptionist l-antipatku donnu spiċċalu x-xift, u telaq bla kliem u bla sliem malli daħal xogħol floku daqsxejn ta' ġuvnott. Imfantas u b'nervi inkaljati, ir-raġel li kien qed jistenna magħna fil-lobby qabad jimxi 'l hawn u 'l hemm, qisu mekkuk. Staqsa lill-ġuvnott jekk is-Sinjuri Lupin kinux għadhom joqogħdu f'dik il-lukanda, imma r-receptionist il-ġdid donnu lanqas kien jaf x'laqtu. Mid-dehra ma kellux l-iċken idea ta' min kien alloġġat f'liema kmamar jew ta' kif jiċċekkja fir-reġistru tar-residenti.

Ir-raġel kien ħa jaqbad jaqlagħlu, imma mbagħad bidel id-direzzjoni ta' mixjitu u qabad jippassiġġa quddiemna. Ħin minnhom waqaf u introduċa ruħu.

Kien ġurnalist ta’ *The Globe*, gazzetta magħrufa sew Londra u, milli stajt nifhem, kien hemm għall-istess raġuni tagħna: il-każ Lupin.

“Smajt sew? Anki intom staqsejtu għalihom?” staqsiena hu u jteftef mustaċċih. Kien raġel fuq ruħu, bit-tbajja’ tal-iskarlatina fuq ħaddejh u b’żaqq imqabbża tipika ta’ min iħobb il-qatra. “Tafuhom?”

“ ’Qas minn Adam!” qabeż Sherlock qabel ma stajt imqar inbexxaq ħalqi. Minnufih, b’ħarstu f’tiegħi, ħareġ mill-but tal-ġlekk il-ktejjeb l-aħmar dwar Londra.

“Jien u oħti qed nistennew lill-ġenituri tagħna biex immorru dawra madwar il-belt. Lil Lupin ġabuhom fuq il-gazzetta u għamilt imħatra m’oħti għax ma riditx temmen li qegħdin joqogħdu hawn, fl-istess lukanda tagħna, għalhekk staqsejna għalihom. Issa tafni xelin!” ikkonkluda bi tbissima żuffjettuża.

Jien kelli nidħaq bħall-ħmar biex inkompli ma’ li beda jħarref Sherlock. F’daqqa waħda ħassejt ftit kurrent frisk għaddej mal-għaksa u reżżaħni.

Il-ġurnalist imżaqqaq baqa’ jħares lejna, jiżen kliemna. Qatt ma sirna nafu jekk kienx emminna jew le, għaliex Sherlock qam f’salt minn fuq is-sufan u newwilli idu, tabirruħu qabżitlu jistenna: “Imma

issa żżejjed ta! Dejjem tard il-mamà u l-papà! Tlaqna nistennewhom ġol-kamra; għall-inqas hemm inkunu komdi," qal.

Jien sa dak il-ħin kont drajt nirreċta u mxejt warajh lejn il-bank tar-receptionist żagħżugħ li ma kellux idea ta' x'konna morna nagħmlu hemm.

"Iċ-ċavetta diġà ħadtha," qallu Sherlock waqt li pponta lejn il-but tal-ġlekk. "Is-77."

Il-ġuvnott ta' wara l-bank dar lejn il-linji twal ta' ganċijiet tar-ram fejn kien hemm imdendlin iċ-ċwievet tal-kmamar kollha tal-lukanda. Xħin irrealizza li, fil-fatt, is-77 ma kinitx imdendla, sellmilna u ma tax kasna aktar.

Jien u Sherlock imxejna fis-skiet tul kuritur mimli kolonni rqaq, imma kif wasalna fil-fetħa ta' ħdejn it-taraġ, waħidna, infqajt: "Tista' tgħidli fejn —?"

"Xxxxx," ipponta sebgħu lejja Sherlock biex isikkitni. Imma billi f'daqqa waħda konna sibna ruħna fid-dlam, ma qiesx sewwa l-moviment ta' idu u messli xufftejja.

Dak il-ħin iffriżajna, donnu xi seħer misterjuż biddilna fi statwi tal-ġebel. Dak il-kuntatt qasir kien ħasadna. Għajnejja ltaqgħu ma' ta' Sherlock f'dik il-penumbra, imma kien biss għal waqt wieħed.

“Ejja, tlaqna,” għamilli Sherlock qisu biex infittxu nqumu minn xi ħolma stramba.

Erba’ passi oħra u wasalna ħdejn bieb żgħir imżegleg li kien jagħti għal barra u li minnu beda dieħel il-frisk tal-aħħar waqtiet ta’ qabel jidlam. Smajna l-passi ta’ xi ħadd tiela’ t-taraġ.

“Naħseb dan Arsène,” qal Sherlock. “Meta l-ewwel, mix-xejn, għaddiet dik il-fewġa friska fil-lobby, bsart li kien hu, u ddeċieda li jgħaddi min-naħa ta’ wara biex jevita lill-ġurnalisti, bħal dak li ltqajna miegħu aħna. Dawk m’hawnx agħar minnhom!” fissirli.

“Issa kulma baqagħlek hu li tgħidli f’liema kamra qiegħed, Nostradamus!” izzikajtu.

“Fis-77, ngħidlek,” wieġeb bil-kalma Sherlock Holmes. “Il-lukanda tidher modesta ħafna, nies ftit li xejn u l-ħaddiema ma tantx jidhru qegħdin sew. Is-77 hija l-kamra bl-akbar numru u għalhekk naħseb li tiġi bl-eżatt taħt il-bejt, f’pożizzjoni addattata għat-taħriġ ta’ xi akrobata bħal Théophraste. Ħeqq, u naħseb li kif sema’ bl-aħbar ta’ missieru, Arsène ħareġ b’ġirja waħda u l-inqas ħsieb li kellu jirritorna ċ-ċavetta fir-reception.”

Għamiltlu mossa b’rasi biex nurih li kont naqbel miegħu. Mill-mod ta’ kif beda jaħtaf il-kliem u jaqta’ nifsu waqt li jitkellem, indunajt li l-ħabib speċjali

tiegħi kien imbarazzat daqsi b'dak li kien ġara ftit tal-ħin qabel.

"Haw'aħna!" għedt kif wasalna quddiem il-bieb tas-77. "Arsène? Hemm qiegħed?"

Smajt il-passi joqorbu, imbagħad il-bieb infetaħ beraħ u quddiemi tfaċċa Arsène Lupin.

"Irene!" għajjat.

Bilkemm għaraftu. Il-ġuvni ismar u magħqud li kont sirt naf is-sajf ta' qabel, Saint-Malo, issa kien jidher pallidu u sfinit. Fraġli daqs statwetta tal-ġibs.

It-tbissima ċkejkna u dgħajfa li laqagħni u għannaqni biha kompliet kissritni. *Mela sinjal li dak li ġabu fil-gazzetta kien veru. Imma possibbli?*

Lupin għannaq ukoll lil Sherlock imma mhux bl-istess intensità. Imbagħad stedinna nidħlu f'kamartu li, kif basar Sherlock, kienet fuq nett. Kamra mill-isbaħ, bħal dawk li f'Pariġi huma mfittxija ħafna mill-artisti.

Kienet pjuttost sempliċi imma mgħawma fid-dawl dieħel minn żewġt itwieqi tondi weqfin f'nofs is-saqaf imżerżaq: minn waħda tara l-bjut tal-belt u l-oħra tagħti għal fuq waħda mit-trejqiet li jdawru l-lukanda. Kien jinstema' anki l-ħamiem iferfer ġwenħajh, wieqaf jistrieħ mal-kanali mnejn l-ilma

tax-xita jaqbad triqtu għal isfel.

Ma qgħadniex nitilfu l-ħin fit-tislim u l-paroli żejjed — ħalliha li Lupin xorta waħda offrielna tazza te, li jien u Sherlock irrifjutajna. Konna hemm biex nisimgħu *x*'kien sar mis-Sur Théophraste.

"Żgur ħadu żball," beda hu. "U żball kbir ukoll. Xejn aktar. Ċert milli qed ngħid! Ara temmnu kelma waħda li hi waħda minn dak li qed iġibu fuq il-gazzetti."

"Dażgur! Ċerti minn dan," weġibtu.

"Fejn hu missierek?" staqsieh Sherlock.

Arsène refa' għajnejh skuri u kbar, u sammarhom f'ta' Sherlock: "Arrestawh waqt li kien ħiereġ minn ġo tieqa. Kien qrib il-lukanda fejn qatlu 'l dak ir-raġel ... Alfredo Santi."

"Irnexxielek tkellmu?" staqsejtu.

Arsène xengel rasu. "Ma ħallewnix. Imma ... jien u s-Sur Aronofsky, sid iċ-ċirku, qabbadnielu avukat ... ċertu ... ċertu ..."

Beda jteftef fil-bwiet sakemm sab il-kartuna b'isem l-avukat u wrihielna:

*Archibald J. Nisbett*
*Avukat*

"E, u x'qallek dan Nisbett?" issikkah Sherlock.

"Xejn għadu," nefaħ Arsène qabel intelaq fuq is-sodda. "Suppost sa inqas minn siegħa oħra għandi nkun għandu biex forsi jgħidli xi ħaġa, imma … bil-fixla dalgħodu ħriġt bla ma kelli lira fil-but, u —"

Waqaf jitkellem f'daqqa u baqa' jiċċassa lejn is-saqaf b'idejh marbutin taħt il-kozz t'għonqu.

"Ara naqra wkoll, x'affarijiet dawn!" għedt jien u nħares lejn Sherlock.

Dan ma deherx inkwetat imma totalment iffukat. Qisu kien qiegħed jaħseb fuq skoss affarijiet f'salt u jiskarta ħaġa wara l-oħra.

"Ikolli nagħmilhielek dil-mistoqsija, Arsène — " qal f'daqqa waħda, b'ton deċiż.

"Mhux missieri kien," antiċipah Lupin.

"U m'hemm l-ebda raġuni għal xiex m'għandix noqgħod fuq kliemek, imma … xorta waħda jibqa' l-fatt li 'l missierek arrestawh waqt li kien ħiereġ minn ġo tieqa fil-viċinanzi tal-Albion Hotel."

Lupin baqa' stendut fuq is-sodda u għalaq għajnejh.

"Allura li qed nistaqsi huwa: imma x'kien qed jagħmel hemm missierek, jixxabbat ma' tieqa?"

Imbagħad għamilna ħin twil f'sikta ta' qabar. Kulma beda jinstema' kien il-pendlu bla ħniena ta'

arloġġ li kien hemm fil-kamra, li b'ħossu, sekonda wara sekonda, għamel dak is-skiet dejjem aktar skomdu.

Fl-aħħar Lupin gedwed xi ħaġa. Imma tant tkellem minn taħt l-ilsien li la smajtu jien u lanqas Sherlock. Reġa' ħadd ma tniffes sakemm il-ħabib tagħna ħall ilsienu: "Ija ok!"

Qam bilqiegħda fuq is-sodda, imbagħad ħares lejna: beda b'Sherlock u spiċċa bija.

"Naħseb aħjar naqbad u ngħidilkom mill-ewwel. Wara kollox, intom ħbieb tiegħi, mhux hekk? Imma tridu taħilfuli ... aħilfuli li m'intom se tgħidu b'xejn lil ħadd, għall-ebda raġuni."

Tajnieh kelmitna. Ġo fija kien hemm geġwiġija sħiħa ta' emozzjonijiet: kelli demmi tiela' għal rasi bir-rabja, kont maħsuda u fl-istess waqt bdejt inħoss għal Lupin ... bid-dmugħ mejjet biex jisponta fuq xfar għajnejja.

"Qed nissuspetta li missieri ħalliel," stqarrilna f'nifs wieħed. U billi jien u Sherlock ma għedna xejn u l-espressjoni fuq wiċċna baqgħet kif kienet, żied, "Ili ftit nissuspetta issa. B'hekk biss nista' nispjega kif nistgħu naffordjaw dan l-istil ta' ħajja ..." u bil-pala t'idu wriena l-kamra li konna fiha. "Forsi għalikom kamra bħal din ma tfisser xejn, u lanqas biss tibda

mad-dar sabiħa tagħkom, imma għal min bħali, trabba ċ-ċirku jew fit-triq, dan lussu kbir."

Arsène niżel kokka fl-art.

"Għall-ewwel kont naħseb li kienet ommi li qed tmantnina. Tafu li sinjura." Lupin ferfer idejh, donnu biex igerrex xi ħsieb ikrah. "U qiegħda tajjeb ħafna, hemm, fejn qiegħda," daħaq nervuż. "Il-familja tagħha baqgħet qatt m'aċċettatu 'l missieri. Qatt ma ħafrulha li ħabbet artist taċ-ċirku! Bniedem li qatt m'għandu saqaf fuq rasu, pezza ħażina ... ħalliel!"

Tana dahru. U nnutajt li aktar ma beda jitkellem aktar bdiet ġejja fih il-ħeġġa u dik l-enerġija kbira li kellu meta sirt nafu s-sajf ta' qabel. Il-fatt li kien qed jiftaħ qalbu magħna, l-uniċi ħbieb li kellu, kien qed jgħinu jaqla' balal li mid-dehra kienu ilhom fuq l-istonku tiegħu.

"Għalhekk jien trabbejt ma' missieri fiċ-ċirku. U li kieku kelli niddeskrivi 'l ommi ... X'niddeskrivi! Naħseb jekk naraha barra bilkemm nagħrafha, tant ili ma naraha! Imma ma' missieri storj'oħra. Għalija mhuwiex sempliċement missieri, imma xi ħaġa aktar. M'għandkomx idea x'jiġifieri tgħix miegħu u mal-personaġġi l-oħra l-ħajja taċ-ċirku, dejjem infittxu fejn nistgħu nwaqqfu t-tinda biex nagħmlu l-ispettakli. Ir-rabta li hemm bejnietna mhijiex biss

għax aħna demm wieħed; tmur lil hinn. Kulma naf, nafu għax għallimhuli missieri u qatt ma ħallieni nieqes minn xejn. Nimxu maċ-ċirku, veru, imma mbagħad dejjem nivvjaġġaw għal rasna, ħafna drabi bil-lussu kollu tal-first class. U mmorru f'lukandi tajbin, jew fl-aqwa postijiet tal-villeġġatura ... bħas-sajf li għadda!

"Ippruvajt ma nagħtix kas mnejn kienu ġejjin dawk il-flus kollha, avolja stajt nissoponi. Wara kollox, mhix l-iktar ħaġa normali li jkollok missierek jixxabbat mal-bjut u dieħel u ħiereġ minn ġot-twieqi minflok mill-bieb ta' barra. Avolja hu jgħid li jagħmel hekk biex jittrenja."

Dak il-ħin ftakart fil-ħarba li kellna nagħmlu minn fuq is-soqfa mxenglin tad-djar ta' Saint-Malo s-sajf ta' qabel, u qamli ġismi xewk xewk: bdejt nieħu idea ta' x'tip ta' taħriġ Théophraste kien jagħtih lil ibnu ...

"Iva, missieri ħalliel. Qed nistqarr dan magħkom u għandkom il-libertà kollha li titilqu minn din il-kamra u ma tersqux iżjed 'l hawn. Żgur m'iniex se ntikom tort jekk ma tridux li jkollkom aktar x'taqsmu mat-tifel ta' ħalliel tal-ġojjelli, imma ... għalkemm li missieri ħalliel huwa fatt, żgur mhuwiex assassin. Mhux se jasal joqtol 'il xi ħadd, qatt u qatt!"

Biex ma nurix li kienet qabżitli demgħa, waqt li beda jitkellem Lupin ersaqt lejn it-tieqa li kienet tagħti għal fuq it-trejqiet.

Serraħt moħħi mat-tieqa u stajt nara 'l-ħaddiema tal-lukanda jparlaw waqt li dak il-ġurnalist beda jħarbex fuq notebook.

Ġbidt nifs ħafif, forsi nieqaf ftit mill-biki. Ara naqra kif jinbtu l-aħbarijiet! Il-ħaddiema jaqilgħu minn żniedhom, imbagħad issib xi ġurnalist bla skrupli u malajr joħloqlok storja. Min jaf b'dak l-ilsien jaqta' x'kienu għadhom kif ħarrfulu fuq l-arrest tal-klijent tas-77! Għall-bżonn, kisru xi ftit leħinhom biex jidhru kommossi u lill-ġurnalist jagħmluhielu aktar faċli biex jemminhom ...

Mill-ġdid, minn warajja ħassejt is-skiet jagħqad bħaċ-ċpar.

"Hemm bżonn immorru l-Albion Hotel!" għajjatt xħin ma flaħtx aktar. Dort lejn sħabi, nimsaħ id-dmugħ minn għajnejja. Ippruvajt nitbissmilhom. "Aktarx il-ħaddiema t'hemm ukoll qed jitkellmu fuq il-qtil ta' Santi."

Sherlock u Lupin ħarsu lejja.

"Arsène, sakemm tmur għand l-avukat, jien u Sherlock immorru l-Albion forsi jirnexxilna nsibu xi ħaġa li tneħħi l-ħtija minn fuq missierek. Ma nafx

xiex: tkun xi tkun. Xi tgħidu?”

Ma qalu xejn, għax bejnietna hekk konna aħna: xi drabi ħarsa kienet tkun biżżejjed biex niftiehmu u nuru ’l xulxin dak li kellna f’qalbna.